MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Avviz Numru. 54/2006

**Lighthouse Communications Ltd. (C21425)**

**vs**

**Maltatel Limited (C 33973)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u dsatax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2,519.95) ghal diversi servizzi ta' 'marketing' u 'design' ipprovduti fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta, liema somma hija dovuta

(a) kwantu ghal Lm221.25 skond fattura datata 28 ta' Frar, 2005 numru 8810 [bilanc minn somma akbar],

(b) kwantu ghal Lm29.50 skond fattura datata 30 ta' Marzu, 2005 numru 8818,

(c) kwantu ghal Lm88.50 skond fattura datatat 30 ta' Marzu, 2005 numru 8819,

(d) kwantu ghal Lm35.40 skond fattura ohra datata 30 ta' Marzu 2005 numru 8820,
(e) kwantu ghal Lm29.50 skond fattura ohra datata 30 ta' Marzu, 2005 numru 8821,
(f) kwantu ghal Lm88.50 skond fattura datata 30 ta' Marzu, 2005 numru 8822,
(g) kwantu ghal Lm241.90 skond fattura ohra datata 30 ta' Marzu 2005 numru 8823,
(h) kwantu ghal Lm359.90 skond fattura datata 28 ta' Marzu, 2005 numru 8826 u
(i) kwantu ghal Lm1425.50 skond fattura datata 25 ta' Marzu, 2005 numru 8825, dan kollu skond prospett u kopji tal-fatturi (Dok. "A" sa "J").

Bl-ispejjez tal-prezentata tar-rikors ghas-smigh, ta' l-ittra nterpellatorja datata 23 ta' Settembru, 2005 (kopja Dok. "K"), ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru, 2005 u mhux notifikata (kopja Dok. "L") u tal-Mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl--imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-27 ta' Marzu, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------